FONTANA

Minuti ta` l-ewwel laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 1 t`April 2008 fis-6.30 ta` filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | **Membri** |
| | Is-Sur Saviour Borg<br>Is-Sur Anthony Borg<br>Is-Sur Lorry Apap<br>Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa nbdiet b`talba mis-Segretarju Eżekuttiv u tmexxiet mill-Kunsillier Lorry Apap bħala l-aktar Kunsillier anzjan. Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-ħatra tas-Sindku.

**Ħatra ta` Sindku**

Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa lill-Kunsillier Saviour Borg jaċċettax il-kariga ta` Sindku. Il-Kunsillier Saviour Borg aċċetta din il-kariga u għaldaqstant ġie dikjarat Sindku.

**Ħatra ta` Viċi-Sindku**

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Anthony Borg jaċċettax il-kariga ta` Viċi-Sindku. Il-Kunsillier Anthony Borg aċċetta din il-kariga u għaldaqstant ġie dikjarat Viċi-Sindku.

Is-Sindku u l-Viċi-Sindku ffirmaw l-aċċettazzjoni ta` Sindku u Viċi-Sindku rispettivament, Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet lis-Sindku l-Insignia u l-*Lapel Badge*.
Is-Sindku nforma lill-membri l-ġodda li ser tiġi ordnata *badge* bl-arma tal-Kunsill li tkun tad-deheb għall-Kunsilliera l-ġodda. Għaldaqstant għandhom jiġu ordnati żewġ *badges*. Is-Sindku qal ukoll lill-Kunsilliera l-ġodda li l-Kunsill kien offra *mobile phone* lill-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel illi jinxtraw *mobile phones* ġodda għall-Viċi-Sindku u għall-Kunsillier Horace Micallef. Il-Kunsillier Victor Cefai qal illi l-*mobile phone* tiegħu bil-ħsara. Il-Kunsill qabel illi jinxtara ieħor ġdid għall-Kunsillier Victor Cefai.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta` filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv | Saviour Borg<br>Sindku |